# Kemmxejn Dawl Ieħor

***Joe J. Camilleri***

LIL KARMENU sirt nafu mill-qrib mhux wisq ilu. Il-karattru tiegħu fabbli u miftuħ, is-sinċerità, l-edukazzjoni fl-imġiba impekkabbli tiegħu, il-frankezza fi kliemu jiġbduk mill-ewwel. Tintebaħ li tkun sibt ħabib sinċier. Igħidlek dak li jħoss, mingħajr ambigwità u bla ma joqgħod idurlek mal-lewża. Tieħu pjaċir titkellem miegħu, għax jaf xi jgħid u biex iżomm taħdita interessanti għal sigħat sħaħ jinqala' u ma jgħaddih ħadd. Ftit naf nies li għandhom dil-kapaċità bħalu. Bniedem sensittiv, jibqa' jafhulu lil dak li jagħmillu pjaċir, imqar żgħir kemm hu żgħir. Fir-relazzjonijiet tiegħu ma' ħaddieħor, l-aġġettivi li juża biex jikkumplimenta dejjem fis-superlattiv.

Karmenu hu l-poeta, ftit jissemma bħala l-bniedem tal-politika. Ta sehmu wkoll f'dan il-qasam. Kien marbut mal-klassi tal-ħaddiema, ikkuntesta l-elezzjonijiet għall-Partit Laburista u kien kburi li darba kien deputat fil-Kunsill tal-Gvern. Meta jien kont nagħmel programmi fuq ir-Radju, kien sikwit iċempilli, u bis-soltu kariżma tiegħu jikkumplimentani u jħeġġiġni biex nissokta f'dil-ħidma. Karmenu kien isegwi l-programmi mill-qrib, mhux biss, kien ukoll jixrobhom. It-telefonati tiegħu kienu jkunu twal, ma jintemmu qatt, u l-ħabel jibqa' f'idejh għax jien ftit ninqala' biex nitkellem fit-tul fuq it-telefon.

Darba fost l-oħrajn ma kienx kuntent li ċempilli biss, iżda bagħatli ittra wkoll dwar l-istess argument li konna diġà tkellimna dwaru. Ittra tipika tiegħu, ġenwina, diretta u ċara. Il-kontenut tagħha hu spjiega fih innifsu.

27 t'Awissu, 1983

Għażiż Sur J. J. Camilleri,

Biex nitkellem le, imma biex nikteb sirt inbati ħafna minħabba l-mardiet u l-uġigħ li għandi. Emminni.

Il-karti ttajpjati bil-proposti/suġġerimenti dwar l-ortografija tal-Malti bagħathomli s-sur Manwel Attard ta' B'Bugia. Mhix ħaġa ħafifa li taqbad u taqta' kif għandu jinkiteb ċertu kliem – l-aktar dak ta' nisel 'purament' rumanz u/jew anglo-sassonu. Jidhirli li ma nistgħux inkunu dommatiċi f'hekk: '*there can be no hard and fast rules where such Romance words are involved*.' L-aktar li jmissna nisħqu llum fuq l-iżbalji grammatikali u sintattiċi li qed jingħadu ta' sikwit minn xi *announcers* ta' Xandir Malta. Xi wħud minnhom jagħtuk taħseb u temmen li qatt ma tgħallmu ħabba jew ħajta skola. (Tfal ta' bejn it-tliet u l-ħames snin jitkellmu Malti wisq aħjar minn dak li jsemmgħulna dawn fuq il-mezzi tax-xandir.)

Xi ġimgħat ilu kont fraħtlek bit-telefon (u fraħtlek tassew u bis-sħiħ) għall-programmi tassew interessanti u illuminanti tiegħek dwar ''X'tagħmel l-Istorja'' li qed jixxandru fuq C.R.1 u C.R.2 jew R.M.N. B'danakollu, jekk m'iniex sejjer imqarraq, ħassejtni (biex ingħid hekk) maqrus u mwaġġa' meta rajt u sibt li int injorajt u ħallejt barra



għal kollox mill-ġrajja ta' l-Edukazzjoni f'pajjiżna *l-Kunsill tal-Gvern* (1945–46) li fi żmienu sar liġi *t-Tagħlim ta' Bilfors*. U tabilħaqq, ''*Compulsory Education in Malta became law on the 12th Sitting of the First Session of the Council of Govt. on 24th January, 1946, while the Compulsory School Attendance Bill was approved on the 13th sitting of the C. of Govt. held on January, 29 1946.*'' (Ara *Civilization* No. 8, p. 224).

Saħħa. Karmenu.

Fil-fatt kellu raġun, għax għad li dil-parti ta' l-Istorja kienet waslet biex tixxandar, fil-fatt kienet għadha ma nstemgħetx sa dak in-nhar. Dwar dan kont ktibtlu u serraħtlu rasu.

Għandi tlitt ittri tiegħu interessanti. Waħda hi bl-Ingliż u din kien kitibha fis-6 ta' Frar, 1939, lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. A. V. Laferla, jitolbu sussidju biex ikun jista' jistampa *Alla taż-Żgħażagħ* jew – *Siltiet ta' Kritika Letterarja* b'introduzzjoni ta' Dr. John Bugeja, LL.D., l-editur ta' *Il-Berqa*. Dik il-ħabta Karmenu kellu sitta u għoxrin sena. Meta fil-11 ta' Frar, id-Direttur wieġbu li ma kienx fadal flus u t-talba tiegħu ma setgħetx tiġi kkunsidrata qabel sena finanzjarja oħra, Karmenu reġa' kitiblu, did-darba bil-Malti.

13.2.1939
Musarum Aedes
Siġġiewi

Sur Direttur,

Ġimgħa ilu kont bgħattlek ittra bl-Ingliż fejn tlabtek tkun hekk ħanin u hekk qalbek tajba miegħi li tweżinni xi ħaġa biex inkun nista' noħroġ għad-dawl il-ktieb tiegħi ta' kritika letterarja mgħammed *Alla taż-Żgħażagħ*.

Aħfirli u agħdirni jekk illum ser intennilek bil-Malti kulma ktibtlek dak in-nhar bl-Ingliż.

Jien ma fhimtx nitolbok tagħtini somma ta' flus minn butek. Le. Biss ridt infissirlek li hi x-xewqa tiegħi li tidħol għalija Int – kif kont għamilt miegħi meta jien ħriġt l-ewwel ktieb tiegħi ta' poeżija *Nirien* u titlob lill-Gvern jagħtini somma żgħira ta' flus hu.

Jien naf li Int bniedem awtorevoli ħafna u kelmtek tiswa u tgħodd mhux ftit; u Inti, naħseb, taf ukoll li jien żagħżugħ fqir u li xejn ma nista' nidħol għal spejjeż kbar mingħajr l-għajnuna ta' ħaddieħor.

Mela, jekk jogħġbok, ħenn u idħol għalija Int; u agħtini tweġiba malli tkun tista' u malli jkun jogħġbok.

Niżżik ħajr bil-quddiem – Karmenu Vassallo.